

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

9794/22

FIN 599  
INST 209  
PE-L 24

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9658/22
Suġġett:	Trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 14/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

---

1. Fl-1 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 14/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju<sup>1</sup>.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment għall-Artikolu 14 03 01 (*Għajjnuna umanitarja*) ta' EUR 105 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn (a/i) u ta' pagament (a/p) mill-Artikolu 30 04 01 (*Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza*) u EUR 100 miljun f'a/i u EUR 39 miljun mill-Partita 14 02 01 11 (*Viċinat tal-Lvant*), kif jinsab fid-dokument 9658/22.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. L-għan ta' dan it-trasferiment huwa li tizzied l-għajnuna umanitarja b'EUR 205 miljun f'a/i u EUR 144 miljun f'a/p biex jiġu appoġġati miljuni ta' persuni affettwati mill-konsegwenzi tal-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna fl-oqsma li ġejjin: ikel u prodotti mhux tal-ikel, assistenza fi flus, ilma u sanità, saħħa, protezzjoni, inkluż il-protezzjoni tat-tfal, protezzjoni kontra l-vjolenza kontra n-nisa u protezzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva, u edukazzjoni f'każijiet ta' emerġenza.

Minħabba ċ-ċirkostanzi urġenti, għandu japplika l-perjodu ta' tliet ġimgħat għall-approvazzjoni, skont l-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2022.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
  - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 9658/22; u
  - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal din in-nota.

---

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: President tal-Kunsill  
lil: President tal-Parlament Ewropew  
kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(4) u (6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 14/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni -tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola ta' għeluq).

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).